**Eżami għad-Dħul fl-Ewwel Sena tal-Junior Lyceum**
**2003**

# STUDJI SOĊJALI

---

## L-istudenti huma mħeġġa li jiktbu Malti tajjeb

## A. Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba:

1. (a) F'Għar Dalam kienu sabu ħafna (*statwi, għodod tal-ħaġar, fuħħar, fossili*) ta' annimali pre-istoriċi.

   (b) Forti (*Sant'Anġlu, San Mikiel, San Ġwann, Sant'Iermu*) kien l-ewwel post li t-Torok attakkaw fl-Assedju l-Kbir.

   (ċ) Dan mexxa lill-Kavallieri u lill-Maltin fl-Assedju l-Kbir. (*Dragut, La Valette, Mustafa, Sulejman*).

   (d) Dan kien l-arkitett li għamel il-pjanta tal-Belt Valletta: (*Ġlormu Cassar, Francesco Laparelli, La Valette, Del Monte*).

   (e) Fis-*Sette Giugno* nfakkru:
      (i) l-irvell tal-Maltin kontra l-Franċiżi.
      (ii) l-irvell tal-Maltin kontra l-Ingliżi.
      (iii) ir-rebħa tal-Maltin kontra t-Torok.

   (f) Wieħed mill-mexxejja tal-Misilmin fl-Assedju l-Kbir kien (*Dragut, La Valette, Muħammed, Monroy*).

   (ġ) L-Ingliżi tawna l-(*Malta Cross, Knights' Cross, King's Cross, George Cross*) għax il-Maltin kienu qalbiena fit-Tieni Gwerra Dinjija.

   (g) Nhar it-13 ta' Diċembru ta' l-1974 iċċelebrajna għall-ewwel darba waħda mill-jiem nazzjonali tagħna. Din il-festa hi magħrufa bħala Jum (*il-Ħelsien, ir-Repubblika, l-Indipendenza*).

## Agħmel sing taħt il-kelma li m'għandhiex x'taqsam:

2. (a) (*Ipoġew, Dolmen, Katakombi, Menħir*) ifakkruk fil-Pre-Istorja.

   (b) (*Atti ta' l-Appostli, San Luqa, Ġgantija, San Pubbliju*) ifakkruk fil-miġja ta' San Pawl f'Malta.

**(10 x 1 = 10 marki)**

**B. Ikteb il-kliem fil-post il-vojt:**

| | |
|---|---|
| **nazzjonali** | **edukati** |
| **dmirijiet** | **reliġjuż** |
| **ċittadin** | **xogħol volontarju** |
| **solidarjetà** | **stat demokratiku** |
| **soċjali** | **jiem nazzjonali** |

1. Kull nhar ta' Sibt filgħodu, Martin u Janet imorru f'Dar ta' l-Anzjani biex jgħinu fejn ikun hemm bżonn. B'hekk, Martin u Janet qed jagħmlu ________________.

2. Aħna nafu li hemm familji fejn hemm l-inkwiet jew pajjiżi milquta minn terremoti. Aħna nħossuna nkwetati għal dawn in-nies u nkunu rridu ngħinuhom. B'dal-mod inkunu qed nuru _________________ma' dawn in-nies.

3. L-imħabba lejn l-oħrajn u l-għajnuna li nagħtuhom huma parti mir-Reliġjon Nisranija. Għalhekk nuru it-twemmin ________________ tagħna.

4. Li tkun _______________ tfisser tieħu sehem fil-ħajja ta' pajjiżek billi turi interess f'dak li jiġri u tieħu ħsieb l-ambjent.

5. Martin u Janet jgħinu 'l-ġenituri tagħhom u 'l ħuthom. Huma jippruvaw dejjem jimxu mar-regoli tal-familja. Dawn ir-regoli huma ________________ importanti ħafna.

6. ___________________ huwa pajjiż fejn isiru l-elezzjonijiet biex in-nies jagħżlu r-rappreżentanti tagħhom fil-Parlament.

7. L-ilsien Malti huwa l-ilsien _________________ tagħna.

8. Jum l-Indipendenza u Jum il-Ħelsien huma _____________________ ta' Malta.

9. Aħna nieħdu t-tagħlim mill-iskola. Dan jgħinna nsiru nafu aktar dwar l-istorja ta' Malta, l-ambjent f'Malta u fil-Mediterran, u l-imġiba tajba fis-soċjetà. Dan it-tagħlim nistgħu neħduh mis-suġġetti kollha, imma l-aktar mill-istudji ______________ .

10. Permezz tal-familja, ta' l-iskola u tan-nies fil-komunità aħna nikbru bħala bnedmin u ċittadini ______________.

**(10 x 1 = 10 marki)**

**Ċ. (i) Dawn huma ismijiet ta' bliet u rħula f'Malta jew f'Għawdex.**
Fuq il-Mappa ta' l-Arċipelagu ta' Malta, immarka fejn qegħdin dawn il-postijiet li ġejjin, b'isem jew numru. Ara l-eżempju.

Bliet u Irħula f'Malta u Għawdex

1. Marsaxlokk (eżempju)
2. Ħal-Luqa (marka)
3. Victoria (marka)
4. Valletta (marka)
5. Ix-Xlendi (marka)
6. Ir-Rabat Malta (marka)




**(ii) Ħares sewwa lejn il-Mappa ta' l-Arċipelagu ta' Malta.**
Wara mmarka fit-tabella jekk il-belt jew raħal hux qiegħed max-xatt jew imdawwar bl-art. Ara l-eżempju.

| Bliet jew Irħula | Max-xatt tal-baħar | Imdawwar bl-art | |
|---|---|---|---|
| Marsaxlokk | X | | (eżempju) |
| Ħal-Luqa | | | (marka) |
| Victoria | | | (marka) |
| Valletta | | | (marka) |
| Ix-Xlendi | | | (marka) |
| Ir-Rabat Malta | | | (marka) |

**(10 x 1 = 10 marki)**

**D. Ħares lejn l-istampa.**
**Aqra s-silta.**
**Wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**



'Fis-sena 60 Wara Kristu, San Pawl flimkien ma' 276 ruħ telqu fuq ġifen mill-gżira ta' Kreta. F'nofs ta' baħar inqabdu f'tempesta u spiċċaw biex inkaljaw mal-blat ta' Malta. San Luqa jirrakkonta li n-nies tal-gżira laqgħuhom bi ħlewwa kbira. Qabbdulhom ħuġġieġa għax kienet ix-xita u kien ħafna bard. San Pawl qatta' tliet xhur f'Malta, għax fix-xhur tax-xitwa ma kinux ibaħħru. Tul il-waqfa tiegħu f'Malta San Pawl xandar il-Bxara t-Tajba u meta telaq, ħalla l-ewwel Insara Maltin.'

1. X'ġara biex il-ġifen, li fuqu kien San Pawl, wasal f'Malta?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

2. Għaliex in-nies fl-istampa jidhru qed jistagħġbu?

______________________________________________

______________________________________________ (1)

3. Min kien San Luqa? ______________________________ (1)

4. Għaliex San Pawl dam tliet xhur f'Malta?

______________________________________________ (1)

5. X'għamel ta' ġid San Pawl kemm dam f'Malta?

______________________________________________

______________________________________________ (1)

**(Total = 6 marki)**

**E. Pawlu u Anna huma studenti tas-Sitt Klassi. Huma għamlu intervista ’l-Kaptan tal-jott ‘Atlantis’.**

Il-Kaptan kiteb in-numri minn 1 sa 6 fuq il-Mappa tal-Mediterran biex juri l-Gżejjer li żar matul l-aħħar vjaġġ li għamel.




Fil-vojt ikteb l-ismijiet ta’ dawn il-Gżejjer fil-Mediterran biex jaqblu man-numri li hemm fuq il-Mappa tal-Mediterran.

Il-Kaptan telaq minn Malta lejn:

1. ______________________________ (marka)

2. ______________________________ (marka)

3. ______________________________ (marka)

4. ______________________________ (marka)

5. ______________________________ (marka)

6. ______________________________ (marka)

Il-Kaptan wasal lura Malta.

**(Total = 6 marki)**

## F. Hawnhekk hawn lista ta' ħaddiema li jgħinu 'l-komunità tiegħek:

Ħaddiem it-Tarzna,
*'Care worker'* f'dar tat-tfal,
Ħaddiem bla sengħa,
*'Computer Programmer'*,
(dak li jiddisinja programmi għall-kompjuter)
Bdiewa u Sajjieda,
Ners,
Pulizija,
Librar,

1. Tista' timmaġina socjetà mingħajr pulizija? X'jiġri f'soċjetà mingħajr pulizija?

___

___

2. Ix-xogħol ta' ners jixbah lil dak ta' tabib. Għaliex?

___

___

3. Min għandu xogħol li jiddependi l-aktar minn dak li toffri n-natura?

___

___

4. X'jieħu ħsieb il-librar, barra kotba?

___

___

5. Il-ħaddiema tat-tarzna jagħmlu xogħol industrijali. X'inhu 'xogħol industrijali'?

___

___

6. Jista' ħaddiem bla sengħa jagħmel xogħol ta' ħaddiem tat-tarzna? Għaliex?

___

___

**(6 marki)**

**Ġ. Ħares lejn l-istampa li turi l-Ipoġew ta' Żmien il-Pre-Istorja f'Malta. Wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**



1. Fejn qiegħed l-Ipoġew?

   (*Il-Marsa, Il-Qrendi, Ħal Saflieni, l-Imġarr*) ________________ (1)

2. Kif kienu jużaw l-Ipoġew in-nies ta' Żmien il-Pre-Istorja?

   ________________________________________________________ (1)

3. X'kienet is-*Sancta Sanctorum* f'dan l-Ipoġew?

   ________________________________________________________ (2)

4. Tempju megalitiku nbena b'ġebel kbir. Kif sar l-Ipoġew?

   ________________________________________________________ (2)

**(Total = 6 marki)**

**G. Pawlu u Anna saru jafu ħafna dwar l-ambjent fiżiku Malti waqt il-ħarġiet ta' l-iskola ma' l-għalliema tagħhom.**
**Iz-ziju Hans ġie mill-Olanda.**
**Iz-ziju Hans ried ikun jaf aktar dwar il-Pajsaġġ Malti.**
Ikteb it-tweġiba għal kull mistoqsija tiegħu.
Ikteb sentenzi u mhux kelma waħda.

a. X'jismu l-blat għoli li jinżel dritt 'l isfel u li ħafna drabi jinżel għall-baħar?

______________________________________________

______________________________________________ (1)

b. Kif ifformaw il-widien fondi ta' Malta?

______________________________________________

______________________________________________ (1)

ċ. Għaliex huma importanti d-daħliet jew bajjiet ta' Malta?

______________________________________________

______________________________________________ (1)

d. Kif saru l-għerien kbar u fondi?

______________________________________________

______________________________________________ (1)

e. Mas-soqfa ta' l-għerien ikun hemm ħafna forom, qishom xemgħat. X'inhu l-isem tagħhom?

______________________________________________

______________________________________________ (1)

f. Għaliex il-kulur tal-blat ma jkunx kullimkien l-istess?

______________________________________________

______________________________________________ (1)

**(Total 6 marki)**

**GĦ. Aqra dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet.**
**Imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom:**

**<u>L-ewwel sitwazzjoni</u>**

Immaġina li hemm pjaneta 'l bogħod mid-dinja. Din il-pjaneta saret kolonja ta' nies li mhux ġejjin mid-dinja tagħna. Issa fiha joqogħdu nies b'ħafna drawwiet u kulturi differenti.

(a) Semmi **TLIET** ħwejjeġ li jkollhom bżonn dawn in-nies biex ikunu jistgħu jgħixu f'saħħithom u fil-paċi fuq din il-pjaneta.

__________ __________ __________ (3)

(b) Huma m'għandhomx lingwa komuni għax ġejjin minn kulturi differenti. Allura, kif jistgħu jikkomunikaw bejniethom?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (4)

**<u>It-tieni sitwazzjoni</u>**

Stephen kellu ħerqa kbira biex ikun jaf ir-riżultat ta' l-elezzjoni tal-kunsill lokali tar-raħal tiegħu. Missier Stephen kien ħabib tas-Sur Borg li kkontesta l-elezzjoni. Ħafna nies xtaqu li hu jsir sindku. Stephen kieku xtaq li s-sur Borg jiġi elett għax dan kien se jaħdem favur l-ambjent. Is-Sur Borg ried li l-kunsill il-ġdid jibda jorganizza xi korsijiet tal-kompjuter għan-nies tal-lokalità. Stephen kellu interess kbir fil-kunsill lokali għax kien iħobb ir-raħal. Hu xtaq jarah ġej 'il quddiem fl-ambjent u fit-tagħlim ta' mġiba tajba fis-soċjetà.

(a) Għaliex Stephen kellu ħerqa kbira biex ikun jaf ir-riżultat ta' l-elezzjoni tal-kunsill lokali tar-raħal tiegħu?

______________________________

______________________________ (2)

(b) Stephen kien qed juri sens ċiviku. Ikteb sentenza li turi dan.

______________________________

______________________________ (2)

(ċ) Ikteb **TLIET** sentenzi fuq ix-xogħol tas-sindku fil-kunsill lokali.

______________________________

______________________________

______________________________ (3)

**( Total 14-il marka)**

**H. 1. F'Malta għandna bosta postijiet arkeoloġiċi jew storiċi, bħal dan l-eżempju li jidher fl-istampa ta' hawn taħt.**



(a) X'għandu jagħmel il-Gvern biex dawn il-postijiet nieħdu ħsiebhom kif jixraq?

____________________________________________ (2)

(b) Semmi **ŻEWĠ** affarijiet li żgur aħna m'għandniex nagħmlu lil dawn il-postijiet.

i) ________________________________________ (2)

ii) ________________________________________ (2)

(ċ) X'għandna nagħmlu aħna jekk naraw lil xi ħadd minn sħabna jipprova jagħmel il-ħsara lil xi wieħed minn dawn il-postijiet storiċi?

____________________________________________ (2)

2. Ħares sewwa lejn dan ir-ritratt ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Imbagħad wieġeb il-mistoqsija billi tikteb paragrafu.



**Immaġina li int kont tifel jew tifla tgħix fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Semmi *SITT* affarijiet li kienu ta' dwejjaq għalik jew l-aktar li beżżgħuk.**

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________ (6)

**(Total = 14-il marka)**

## Ħ. Ikteb paragrafu fuq kull waħda:

(i) Ikteb dwar problemi tat-traffiku li inti tara meta tkun sejjer/sejra l-iskola jew meta toħroġ mal-ġenituri tiegħek.

**(4 marki)**

(ii) X'qed isir fit-toroq tagħna biex it-traffiku jkun jista' jgħaddi aħjar?

**(4 marki)**

(iii) Kif għandha tkun l-imġiba tat-tfal fit-toroq biex jonqsu l-inċidenti tat-traffiku u jkun hemm anqas konġestjoni ta' karrozzi?

**(4 marki)**

**(Total 12-il marka)**

**TMIEM**